# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 60/2014**

Il-Pulizija

(Spettur Sandra Zammit)

vs

**Raymund Zammit**

iben George , imwieled Hal-Qormi, fit-28 ta' Marzu, 1959, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 250659(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymund Zammit quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-31 ta' Dicembru, 2013 ghal habta tal-23:30 hrs waqt li kien gewwa l-fond 'The Penthouse', 21/22, Robert Court, Triq J. Quintinus, San Pawl il-Bahar :

1) Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies, cioe` ta' Graham George Sansone bi storbju;

2) Bejn il-31 ta' Dicembru, 2013 u l-1 ta' Jannar, 2014 fil-hin ta' bejn il-23:30hrs u 00:30hrs permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurja u/jew hedded lil Graham George Sansone bi kliem;

3) Ghamel uzu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (Mobile).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 19(a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat mill-ewwel akkuza stante li ma tirrizultax kif dedotta, filwaqt sabitu hati tat-tieni akkuza u kkundannatu ghal multa ta' hamsin euro (€50). Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjuzzjoni tat-tielet akkuza peress li din hija kompriza u nvoluta fit-tieni akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymund Zammitipprezentat fid-19 ta' Frar, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant gie misjub hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontrih, u tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti illiberat lill-appellant mill-ewwel akkuza migjuba kontrih u astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni mressqa kontra l-istess appellant.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi hija l-umli fehma tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet illi jsegwu.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta l-fatti juru b'mod car illi l-appellant fl-ebda waqt ma ingurja u/jew hedded lil Graham George Sansone.

Illi *in effetti,* kif gia hawn fuq spjegat, il-verzjoni tal-fatti esposta mill-*parte civile* fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti giet kontradetta u michuda b'mod mill-aktar assolut mill-provi l-ohra imressqa mill-istess prosekuzzjoni.

Illi l-appellant spegja b'mod car ic-cirkostanzi illi tassew taw lok ghall-proceduri odjerni, u ikkonferma li huwa fl-ebda waqt ma ngurja u/jew hedded lil Sansone; l-istess verzjoni ta' fatti giet konfermata fl-*intier* taghha minn Robert Zammit, ix-xhud l-iehor prodott mill-prosekuzzjoni.

Illi fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-appellant u il-konferma tieghu li huwa fl-ebda waqt ma hedded lill-*parte civile;* u dan kollu korroborat permezz tax-xhieda ta' Robert Zammit, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija fil-konfront tal-appellant.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ukoll skorretta meta kkumentat illi "*tezisti nkonsistenza bejn dak li xehed l-imputat u dak li xehed ibnu fis-sens li filwaqt li Robert Zammit qal li fl-ebda hin missieru ma kellem lill-Pulizija, l-istess imputat jammetti li kien kellem lill-Pulizija.*" Din l-osservazzjoni illi ghamlet l-Ewwel Qorti tammonta ghal apprezzament ghal kollox zbaljat tal-fatti illi gew esposti quddiemha in kwantu ghalkemm huwa minnu li Robert Zammit xehed fis-sens illi huwa kien kellem lill-pulizija u spjegalhom precizament x'kienet il-kwistjoni kollha, fl-ebda waqt ma qal li missieru ma kellimx ukoll lill-Pulizija, anzi l-istess Robert Zammit spjega li kien propju missieru li rrisponda l-mobile meta cemplulu l-Pulizija u wara li l-Pulizija saqsew lill-appellant fuq dan l-incident, dan tal-ahhar ghadda l-mobile lil ibnu sabiex jispjegalhom ahjar ic-crikostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din

il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010;
kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi din il-Qorti ghandha quddiemha zewg versjonijiet ta' kif graw il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz. Min-naha ta' Graham George Sansone hemm il-versjoni li l-appellant heddu bil-mewt. Min-naha ta' l-appellant il-versjoni hi djametrikament opposta fis-sens li hu ma kellhux ghalfejn ihedded lil Sansone u fil-fatt ma qal ebda kliem ta' dik in-natura. Din it-tezi tal-appellant hi konfortata mix-xhieda ta' ibnu Robert Zammit li konferma li kwazi ma gara xejn, anzi kien Sansone li kien arroganti u kellhu agenda proprju biex igib lil missieru fl-inkwiet.

Illi fil-fehma tal-ewwel Qorti, wara li kellha l-opportunita' li tisma x-xhieda kollha, il-versjoni tal-parte civile hi l-iktar wahda li tista' torbot fuqha. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-appell jirrigwarda biss l-apprezzament tal-provi da parti ta' l-ewwel Qorti. Fil-fehma taghha, l-ewwel Qorti waslet ragonevolment u legalment ghal konkluzjoni fejn sabet l-appellant hati tat-tieni akkuza, li kient alternattiva ghat-tielet akkuza u illiberatu fuq l-ewwel akkuza.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' Raymund Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata.